MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 144/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur A. Caruana/Spettur P. Micallef Grimaud)
**vs**
**Louis Mallia**
**Glenn Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Louis Mallia, ta' 34 sena iben Louis u Frida nee' Urry, mwieled il-Pieta' nhar il-21 ta' Lulju 1968 detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 319068 (M) u prezentament residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin;
U
Glenn Bezzina, ta' 21 sena iben Martin u Josephine nee' Farrugia, mwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Dicembru 1981detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 14482 (M) u prezentament residenti gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

1. Talli fil-Belt Valletta, nhar il-5 ta' Frar 2003 ghall-habta tas-2.30 ta' fil-ghodu kkommettew serq ta' flus, sigaretti u xorb mill-hanut li jgib l-isem ta' 'Lawrence Bar and Confectionery' sitwat fi Triq San Patrizju, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u li sar ghad-dannu ta' Lawrence Cacciattolo minn San Giljan.

2. Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkomettu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien jkun kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u bil-hin u dan ghad-detriment ta' l-istess Lawrence Cacciottolo.

3. Talli fl-istess jum, hin lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-fond imsemmi liema hsara ma tiskorrix hames mitt lira Maltin (Lm500) izda aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50).

U kontra Louis Mallia wahdu:-

4. Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq u kif ukoll fil-hin li gie arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mus).

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Talli huwa sar recediv b'diversi sentenzi diversament presjeduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat Louis Mallis ammetta it-tieni akkuza, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuza.

Issibu hat taghhom u tilliberah mill-ohrajn.

Rat l-artikolu 261, 263, 267, 270, 325 (b), 41(i), 49, 50 u 17 tal-Kapitolu 9 u l-Kapitolu 66;

tikkundannah sitt xhur prigunerija u titlob lid-Direttur tal-habs ihallih jibda u jaghmel kors ta’ rijabbilitazzjoni mal-Caritas (Malta), kif il-hati obbliga ruhhu li jaghmel.

Fil-konfront ta’ Glenn Bezzina li fis-seduta ta’ llumm ammetta t-tieni akkuza u t-tielet,

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 325(b), 41(i) u l-Kapitolu 66 kif wkoll l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante l-kondotta nadifa ta’ l-akkuzat; tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija liema sentenza m’ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat soggett ghall-prigunerija fi zmien sentejn mill-llum

Il-Qorti qeghda tfiehem lil-hati r-responsabiltajiet tieghu taht l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Tobbliga lil-hatja ‘*in solidum*’ li jhallsu d-danni kkagunati fi hwejjeg haddiehor kif intrabtu li ser jaghmlu quddiem il-Qorti.

(ft)Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja ta’ l-Original Mario Mifsud, BA
Deputat Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------